Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10097 — AMD/Xilinx)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 210/04)

1. Fis-26 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Advanced Micro Devices, Inc. ("AMD", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Xilinx, Inc. ("Xilinx", l-Istati Uniti tal-Amerka).

AMD takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Xilinx kollu kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' għaqda bejn Throne Merger Sub, Inc., sussidjarja indiretta li hija proprjetà kollha kemm hi ta' AMD, u Xilinx. Xilinx se tissopravvivi l-għaqda bħala sussidjarja indiretta u proprjetà kollha kemm hi ta' AMD.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— AMD: AMD hija kumpanija globali tas-semikundutturi kkwotata fil-Borża. AMD hija attiva primarjament fil-provvista ta' unitajiet ċentrali tal-ipproċessar (central processing units, "CPUs"), fuq il-bażi tas-sett ta' struzzjonijiet x86, u tal-unitajiet tal-ipproċessar tal-grafika (graphics processing units, "GPUs");

— Xilinx: Xilinx hija kumpanija globali tas-semikundutturi kkwotata fil-Borża. Xilinx hija attiva fil-provvista ta' gate-arrays programmabbli mill-utent (field programmable gate arrays, "FPGAs"), ċippa li l-klijenti jistgħu jipprogrammaw wara l-fabbrikazzjoni biex iwettqu l-funzjonijiet loġiċi mixtieqa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10097 — AMD/Xilinx

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").